MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1076/2007

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**vs**

**Emmanuel Aquilina u John Aquilina f'isimhom personali kif ukoll bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sand and Gravel Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emmanuel u John Aquilina f'isimhom personali kif ukoll bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sand and Gravel Limited fejn dawn, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu lil din il-Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara illi l-ingenji maqbuda m'humiex suggetti ghall-qbid skond dak provdut fl-Artikolu 304 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement taghti dawk il-

provvedimenti li jkunu mehtiega sabiex tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-esponenti; u (2) thassar l-att esekuttiv de quo ossija il-Mandat ta' Qbid Numru: 1172/06 in toto jew in parte u dan a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi ma jezistix titolu esekuttiv validu favur il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-ammont mitlub u timponi dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn dan fost affarijiet hra irrisponda illi:

Fl-ewwel lok, jinghad illi t-talba ta' l-intimati hija nulla ghaliex l-esponent illum ghandu titolu esekuttiv fil-konfront ta' l-intimati peress illi l-ittra ufficjali Numru 4153/05 giet notifikata lilhom fis-sena 2006. L-intimati setghu, kieku riedu, fi zmien ghoxrin jum min-notifika jopponu ghat-talba ta' l-esponent billi jipprezentaw rikors li fih jitolbu li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata.

Rat l-atti kolha.

Semghet lix-xhieda.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur mIzjud.

Ikkunsidrat li permezz ta' dawn il-proceduri, l-intimati Aquilina qed jadixxu lil din il-Qorti biex thassar l-effetti ta' mandat ta' qbid mahrug fil-konfront taghhom mill-awtorita' dwar it-Taxxa fuq Valur Mizjud. L-imsemmi Kummissarju qed jilqa' ghal din il-procedura billi jikkontendi illi l-intimati messhom kieku riedu, opponew ghall-azzjoni mibdija mill-Kummissarju ghall-Valur Mizjud billi agixxew skond l-Art. 466(2) tal-Kap. 12.

Dan l-imsemmi Art jipprovdi testwalment is-segwenti:

Qari akkurat tar-rikors ta' Emmanuel u John Aquilina juri illi dak li qeghdin jittentaw jaghmlu huma, huwa effettivament li jxejnu l-effetti tal-imsemmi mandat ta' qbid.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------